Verżjoni Elettronika

A.L. 116 tal-2024

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2024 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 65.05.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Il-partita (d) tas-Sezzjoni B ("Indikazzjoni") tat-Taqsima III ("IS-SINJALI INFORMATTIVI") tal-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġejja:

"(d) Dan is-sinjal jagħti t-tagħrif li l-post huwa riżervat għall-ipparkjar ta' vetturi li għandhom il-Blue Badge murija kif provdut fl-Att biex jipprovdi dwar Konċessjonijiet ta' Parkeġġjar għal Persuni b'Diżabilità (Kap. 560), u li l-vetturi li huma pparkjati f'dan il-post illegalment għandhom jiġu rmonkati mingħajr preavviż.".